# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 32/2022 (NC) GG**

**Josephine Mary Steinbaker (KI nru 0437859M) u Benjamin Micallef (KI nru 0926847M)**

**vs**

**Av Dr Jason Grima u PL Katrina Zammit Cuomo nominati kuraturi deputati permezz ta' Digriet datat 8 ta' Frar, 2022 sabiex jirrappresentaw l-assenti Michelle Puddy u Yvette Harris in kwantu l-eredi tal-mejjet Joseph Antignolo (KI nru 35628M) u b' Digriet tal-4 ta' Mejju, 2022 l-istess kuraturi kienu estromessi mill-kawza u kien mahtur minflokhom l-Avukat Alexander Schembri.**

**Kawza Nru:**

Illum 11 ta' Jannar 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat ta' Josephine Mary Steinbaker u Benjamin Micallef**[1], ippreżentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-14 ta' Jannar 2022, bis-segwenti premessi u talbiet:

[1] Fol. 1 sa 5

Illi ir-rikorrenti kienu jiehdu hsieb lil certu Joseph Antignolo ghal bzonnijiet kollha tieghu matul hajtu u dan sakemm miet fit-12 ta' Dicembru 2020, u dan skond l-anness certifikat tal-mewt hawn immarkat 'DOK JA'.

Illi Joseph Antignolo miet kif intqal u halla bhala l-eredi universali tieghu lill-intimati uliedu kif jirrizulta mill-ahhar testment tieghu tat-12 ta' Lulju 2018, fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Zammit, hawn anness u mmarkat 'DOK A' flimkien mar-ricerki testamentarji li jikkonfermaw l-istess, hawn annessi u mmarkati 'DOK B'.

Illi l-imsemmi Joseph Antignolo waqt hajtu xtaq li jikkumpensa lir-rikorrenti ghas-servizzi lilu moghtija permezz ta' provvediment f'testment li huwa ghamel  fl-atti tan-Nutar Dottor Angele Rapa maghmul fl-20 ta' Frar 2015, hawn anness u mmarkat 'DOK C'.

Illi kif jirrizulta mill-ahhar testment fuq imsemmi hawn immarkat 'DOK A', il-kumpens mahsub ghar-rikorrenti mill-imsemmi Antignolo kif intqal ma kienx inkluz, izda minflok, l-imsemmi Antignolo xtaq illi jikkumpensa lir-rikorrenti waqt hajtu, u filfatt, ikkonsenjalhom 'cheque' bankarju migbud fuq il-bank HSBC UK ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Sterlina Inglizi (£25,000), li jgib id-data tal-1 ta' Dicembru 2020, bin-numru 100177 40 4610 81227742, kopja awtentikata tal-liema cheque tinsab hawn annessa u mmarkata 'DOK D'.

Illi l-imsemmi Joseph Antignolo miet ftit wara li hareg l-imsemmi cheque bankarju b'mod ghalhekk li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunita' li jinkassaw jew jiddepositaw l-imsemmi cheque.

Illi wara li jirrizulta lir-rikorrenti li l-eredi universali ta' Joseph Antignolo kienu l-intimati, ir-rikorrenti nterpellawhom sabiex ihallsu l-ammont rikonoxxut mill-istess Joseph Antignolo bhala kumpens rikonoxxut ghas-servizzi moghtija lilu waqt hajtu, izda dan inutilment.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilmenti jitolbu lil Din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ekwivalenti fil-munita Ewro ta' hamsa u ghoxrin elf sterlina Ingliza (£25,000), kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi ekwivalenti ghall-Euro 29,952.67.

   Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subissjoni.

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors Guramentat promotur.

Rat ir-**Risposta Mahlufa**[3], ippreżentata mill-kuraturi Dr. Jason Grima u P.L. Katrina Zammit Cuomo quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-25 ta' Jannar 2022, li permezz taghha wiegbu hekk:

1. Illi qabel xejn l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw li jressqu eccezzjonjiet ohra li jkunu opportuni f'dak li jkun hemm bzonn;

2. Illi n-linja preliminari ukoll r-rikorenti ghandu jaghtu u jiddikjaraw jekk jafux l-indirizz ta' l-intimati;

3. Illi rigward il-mertu, r-rikorrenti iridu jippruvaw it-talbiet taghhom stante li c-cekk bankarju jidher li inhareg biss fuq wiehed mir-rikorrenti u aktar minn minn hekk t-testatur Joseph Antigonlo jidher li bidel it-testment tieghu u nehha l-legati li halla lill-rikorrenti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi għal raġunijiet fuq premessi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

[2] Doki. A sa D, fol. 6 sa 34
[3] Fol. 36 sa 37

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet[4] taghha, diversament presjeduta, moghti fl-4 ta' Mejju 2022, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti assenti minn Malta sabiex ikunu estromessi l-kuraturi deputati Dr. Jason Grima u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo bi spejjez tal-atturi, u ordnat li r-Rikors Guramentat jkun kif gejnotifikat lill-Avukat Dr. Alexander Schembri fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju tal-imsiefra konvenuti Michelle Puddy u Yvette Harris, bi dritt li jipprezentaw Risposta Guramentata skond il-ligi.

Rat ir-Risposta Guramentata[5] tal-Avukat Dottor Alexander Schembri in rapprezentanza tal-assenti konvenuti, li permezz taghha eccepixxa kif gej:

**I.** ILLI, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti, a tenur tal-Artikolu 741 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u m'ghandhiex gurisdizzjoni, a tenur tal-Artikolu 742 (1) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna, billi din il-kawza saret kontra l-eccipjenti li huma t-tnejn cittadini, residenti, u domiciljati gewwa r-Renju Unit, u dan rigwardanti obbligazzjoni, ossija *cheque* ta' bank fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf lira Sterlina (£25,000), li wkoll jinstab gewwa r-Renju Unit;

**II.** ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici Josephine Mary Steinbaker m'ghandhiex l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex tipprocedi b'din il-kawza, billi c-*cheque* meritu tal-proceduri odjerni huwa intestat unikament f'isem l-attur Benjamin Micallef u mhux ukoll f'isem l-istess attrici Josephine Mary Steinbaker;

**III.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu illi l-atturi kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha tad-defunt Joseph Antignolo matul hajtu, kif minnhom allegat fir-rikors guramentat promutorju tal-kawza, tant illi l-istess Joseph Antignolo minn dejjem kien u baqa' bniedem kwazi totalment indipendenti sa ftit granet qabel il-mewt tieghu, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

[4] Fol. 48
[5] Fol. 54 sa 58

**IV.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftit ghajnuna li xi drabi kien jinghata d-defunt Joseph Antignolo matul hajtu - kemm jekk minghand l-atturi, u kemm jekk minghand terzi - kien jinghata kumpens ghaliha mill-istess Joseph Antignolo mal-mument li tinghata tali ghajnuna, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

**V.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm huwa minnu li, fl-2015, id-defunt Joseph Antignolo kien ghamel testment li permezz tieghu huwa kien halla, b'titolu ta' legat, is-somma ta' hmistax-il elf Lira Sterlina (£15,000) lill-attrici Josephine Mary Steinbaker, u s-somma ta' ghaxart elef Lira Sterlina (£10,000) lill-attur Benjamin Micallef, l-istess Joseph Antignolo, sussegwentement, bidel il-hsieb tieghu f'dan ir-rigward, tant illi ghamel testment gdid fl-2018 li permezz tieghu huwa hassar u rrevoka t-testment tal-2015 fl-intier tieghu, u konsegwentement hassar u rrevoka l-legat hawn fuq imsemmi;

**VI.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, Joseph Antignolo ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti mill-ligi sabiex ikun jista' jikteb u jiffirma c-*cheque* meritu tal-proceduri odjerni - datat 1 ta' Dicembru 2020 - hdax-il gurnata qabel il-mewt tieghu fit-12 ta' Dicembru 2020, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

**VII.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti qieghdin jikkontestaw l-awtenticita' tac-*cheque* meritu tal-proceduri odjerni, u ghalhekk jispetta unikament lill-atturi li jressqu prova cara u skond il-ligi tal-awtenticita' tal-istess *cheque,* u tal-allegazzjoni taghhom li dan l-istess *cheque* inkiteb u gie ffirmat minn Joseph Antignolo hdax-il gurnata qabel il-mewt tieghu;

**VIII.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

SALV risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-digriet taghha, diversament presjeduta, moghti fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[6], li permezz tieghu ordnat li tkun trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti biex tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet attrici.

Rat l-affidavits[7] tal-konvenuti, bl-annessa prova tal-mandat moghti minnhom lill-Avukat Dr. Alexander Schembri.

Rat li l-atturi ma ressqux provi dwar din l-eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali[8] tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti Michelle Puddy u Yvette Harris bl-ewwel eccezzjoni taghhom fir-Risposta Guramentata pprezentata mill-mandatarju mqabbad minnhom, u li kif gia riportata *supra* taqra kif gej:

> ***'Illi, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti, a tenur tal-Artikolu 741(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u m'ghandhiex gurisdizzjoni, a tenur tal-Artikolu 742(1) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna, billi din il-kawza saret kontra l-eccipjenti li huma t-tnejn cittadini, residenti u domiciljati gewwa r-Renju Unit, u dan rigwardanti obbligazzjoni, ossija cheque ta' bank fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf lira Sterlina (£25,000), li wkoll jinstab gewwa r-Renju Unit.'***[9]

2. Bl-att promotur, l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet Joseph

---

[6] Fol. 60
[7] Fol. 74 sa 81
[8] Ara traskrizzjoni fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023
[9] Fol. 54 sa 55

Antignolo, li jhallsuhom f'Malta l-ekwivalenti tas-somma ta' £25,000 (hamsa u ghoxrin elf lira Sterlina), (ekwivalenti ghall-Euro 29,952.67) li l-atturi jghidu li kienet dovuta lilhom mid-defunt skond cekk, li jidher iffirmat minnu, mahrug fuq il-bank HSBC UK (584, High Road, Wembley, Middlesex) datat 1 ta' Dicembru 2020. Min-naha taghhom, fir-Risposta Guramentata taghhom, il-konvenuti jikkontestaw l-awtenticita' tac-cekk li fuqu l-atturi jserrhu l-pretensjoni taghhom, u wkoll il-kapacita' mentali tal-awtur taghhom biex jiffirma l-istess dokument.

3. Mill-provi mressqa mill-konvenuti (affidavit taghhom u dokument a fol 62 *et seq* u riprodotti fl-original a fol 74 sa 81), jirrizulta li huma cittadini Inglizi, u dejjem ghexu fir-Renju Unit, fejn ghadhom, u ghandhom intenzjoni li jibqghu jghixu permanentement, u ghalhekk huma u dejjem kienu domiciljati wkoll fl-istess pajjiz. It-tnejn ghandhom passaport Brittaniku filfatt, li tieghu pprezentaw kopja. Huma ddikjaraw li m'ghandhomx assi f'Malta, u li ghalhekk ma hawnx gid f'Malta li jista' jservi biex tkun ezegwita f'Malta s-sentenza li tista' tinghata f'din il-kawza favur l-atturi.

4. Ma sar ebda kontroezami mill-atturi lill-konvenuti fuq dawn id-dikjarazzjonijiet, u lanqas ressqu provi dwar din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

5. Qabelxejn, din il-Qorti ser tikkunsidra l-kontestazzjoni mqanqla mill-atturi fil-kors tas-sottomissjoni orali, u cioe' li l-eccezzjoni in kwistjoni ma tiswiex ghaliex ma tqajjmitx fir-Risposta Mahlufa tal-kuraturi deputati, u tqajjmet mill-konvenuti biss, fi stadju sussegwenti, fir-Risposta Guramentata li ressqu bil-mezz tal-mandatarju taghhom f'Malta.

6. Jirrizulta mill-provi li l-atturi, sa minn qabel intavolaw din il-kawza, kellhom taghrif shih dwar l-indirizz residenzjali tal-konvenuti. Dan it-taghrif hallieh Joseph Antignolo nnifsu, fit-testment li huwa kien ghamel fl-atti tan-Nutar Dottor Angele Rapa tal-20 ta' Frar 2015, u li l-atturi stess ipprezentaw kopja tieghu mar-Rikors Guramentat[10]. Minkejja dan, ma saret ebda talba sabiex ir-Rikors Guramentat jkun notifikat lill-konvenuti personalment, fl-

[10] Ara s-Sitt Artikolu, fol. 12

indirizzi rispettivi fir-Renju Unit bil-procedura, u skond l-**art. 5** *et seq.* tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Kovnenzjonijiet dwar Proceduri Legali (Kap. 443 tal-Ligijiet ta' Malta), li dahhal fil-ligi Maltija l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiz ta' Dokumenti Gudizzjarji u Estragudizzjarji f'Affarijiet Civili jew Kummercjali[11]. Fic-cirkostanzi, u f'dak in-nuqqas, it-talba ghall-hatra tal-kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-konvenuti assenti kienet prematura, u saret meta l-konvenuti kienu ghadhom mhux notifikati bl-atti ta' din il-kawza skond il-ligi. Konsegwentement, kwalunkwe eccezzjoni sollevata mill-kuraturi fl-interess tal-konvenuti kienet ukoll proceduralment irregolari, u certament ma tippregudikax id-dritt tal-konvenuti, ladarba saru jafu b'din l-azzjoni u hatru mandatarju specjali taghhom f'Malta biex jiddefendu ruhhom minnha, li jissollevaw l-eccezzjonijiet kollha, dilatorji u fil-mertu, li jidhrilhom xierqa ghall-istess difiza.

7. F'cirkostanzi fattwali simili hafna, rinfaccjata b'kontestazzjoni identika, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Aegis Corporate Services Limited vs Avukat Dr. Christopher Chircop et noe**, qalet hekk:

> *'27. Filwaqt li għalhekk m'għandux ikun hemm dubju li d-difiża dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni għandha titressaq mill-parti mħarrka mal-ewwel opportunità li jkollha [Ara f'dan is-sens Elefanten Schuh GmbH v. Pierre Jacqmain, deċiż mill-Q.Ġ.U.E fl-24 ta' Ġunju, 1981, (Każ 150/80) (ECLI:EU:C:1981:148)] (għaliex fin-nuqqas jitqies li tkun qagħdet għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti li titħarrek quddiemha), il-mistoqsija li tqum f'dan l-istadju hija jekk id-dehra quddiem qorti ta' kuratur għall-parti mħarrka assenti hijiex l-istess ħaġa għad-dehra ta' dik il-parti mħarrka;*
> *28. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea diġà xeħtet dawl fuq dan, u fil-każ fl-ismijiet ta' A v. B et., deċiż fil-11 ta' Settembru, 2014,27 dik il-Qorti hi u tinterpreta l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 44/2001 (li huwa l-predeċessur tal-artikolu hawn fuq iċċitat) kienet tal-fehma li d-dehra ta' kuratur għall-konvenut assenti m'hijiex ekwivalenti għal dehra tal-konvenut fit-termini ta' dan l-artikolu;'*

Dan jghodd aktar u aktar f'dan il-kaz, fejn il-konvenuti kellhom jedd ikunu notifikati bl-atti tal-kawza, personalment, u fl-indirizz taghhom fl-esteru, skond il-Kap. 443 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan baqa' ma sarx, sakemm minn jeddhom taw ruhhom b'notifikati u

[11] Ara Taqsima A tal-Ewwel Skeda annessa mal-Kap. 443

gharrfu lill-Qorti li hatru mandatarju tal-fiducja taghhom biex iwiegeb f'isimhom, kif filfatt ghamel bir-Risposta Guramentata fejn inghatat, qabel kull eccezzjoni ohra, l-eccezzjoni in ezami.

8. Eliminata ghalhekk l-ewwel kwistjoni procedurali, il-Qorti ser tqis issa l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-mertu.

9. M'hemmx dubju li l-bazi ta' din l-azzjoni hija l-obligazzjoni ta' hlas, li l-atturi jghidu li kkuntratta favur taghhom Joseph Antignolo qabel il-mewt tieghu bil-hrug tac-cekk ta' bank Brittaniku, datat 1 ta' Dicembru 2020, favur l-attur Benjamin Micallef, u li kopja tieghu giet annessa mal-att promotur (fol. 14). Konsegwentement, il-kwistjoni mertu tal-kawza ma tirrigwardjax is-successjoni tal-mejjet Antignolo fiha nnifisha, imma l-ezekuzzjoni mis-successuri tieghu ta' obligazzjoni li qed jinghad li huwa kkuntratta f'hajtu favur l-atturi. Din il-Qorti qed tippuntwalizza dan fid-dawl tar-riferenza tal-atturi fir-Rikors Guramentat taghhom ghal-legati li d-defunt Antignolo kien halla favur taghhom, u li jghidu li kienu saru b'kunsiderazzjoni ghas-servigi li rrendewlu f'hajtu[12], permezz tat-testment li huwa kien ghamel fl-atti tan-Nutar Dottor Angele Rapa tal-20 ta' Frar 2015[13]. Effettivament, dan it-testment kien thassar bl-ahhar testment[14] li d-defunt Antignolo ghamel fl-atti tan-Nutar Keith Zammit tat-12 ta' Lulju 2018, u li permezz tieghu hassar id-disposizzjonijiet testamentarji precedenti kollha tieghu.[15]

10. Stabbilita ghalhekk il-bazi tal-azzjoni bhala t-twettiq ta' obligazzjoni ta' hlas, u mhux ta' dritt ta' successjoni, il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet tal-atturi mhix regolata bid-disposizzjonijiet tal-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 650/2012 dwar is-Successjoni[16], imma bil-ligi ta' Malta dwar il-persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta, u senjatament l-**art. 742(1)(a)** sa **(g)** tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

---

[12] Ara t-tielet premessa fir-Rikors Guramentat, fol. 2

[13] Dok. C anness mar-Rikors Guramentat, fol. 11 sa 13

[14] Ara ricerki testamentarji, fol. 28 sa 29

[15] Ara l-Ewwel Artikolu, fol. 24

[16] Ara l-eskluzjoni espressa fl-**Art. 1.2(g)** tar-Regolament – dan l-ezami sar fid-dawl ta' dak provdut fl-**art. 742(6)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaliex, kif qalet ricentement il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Leon-John Cutajar vs Dr. Joseph Carbone nomine**, 552/21/1AJD, 19.10.2023, '…*il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara* ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2019 u* ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).'*

11. L-**art. 742(1)** tal-Kap. 12 jipprovdi kif gej:

> ***742. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
> ***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
> ***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***
> ***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
> ***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
> ***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
> ***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
> ***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.***

12. Fis-sottomissjonijiet orali, l-atturi argumentaw li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni mehtiega biex tisma' u tiddeciedi l-kawza skond is-subinciz *(f)* ta' din id-disposizzjoni, ghaliex l-obligazzjoni in kwistjoni kienet kuntrattata favur cittadini ta' Malta, jew persuni li jinsabu f'Malta, kif jidher li huma l-atturi, irrispettivament minn fejn tghix jew hija domiciljata l-persuna li hija marbuta li twettaq dik l-obligazzjoni, ghaliex is-sentenza tista' tkun ezegwita f'Malta. Min-naha taghhom, il-konvenuti argumentaw li dan is-subinciz mhuwiex sodisfatt f'dan il-kaz ghaliex huma m'ghandhomx gid f'Malta li fuqu jista' jkun ezegwit gudizzju favorevoli ghall-atturi f'din il-kawza. Iz-zewg nahat irreferew ghal

sentenza fl-ismijiet **Angelo Cutajar and Sons Limited vs Dr. Anthony Cremona et noe**, deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta), fid-9 ta' Dicembru 2004[17], u mhux appellata, biex isostnu l-posizzjonijiet kuntrarji taghhom. Din il-Qorti, ghalhekk, jidhrilha, li ghandha ticcita fl-intier tieghu l-bran rilevanti, li jispjega wkoll il-fatti li kellha quddiemha dik il-Qorti:

> *'Illi, jekk wieħed iqis il-fatti tal-każ, għandu jirriżulta li n-negozju li nissel id-dejn li l-kumpannija attriċi qegħda tfittex lill-imħarrek għall-ħlas tiegħu f'din il-kawża seħħ f'Malta. Kien* ***bejgħ u konsenja (oġġetti alimentari) li l-imħarrek xtara mingħand il-kumpannija attriċi f'Malta u ħadhom miegħu fil-Libja.*** *Il-bejgħ kien wieħed minn sensiela ta' negozji li seħħew tul medda ta' żmien bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek kull meta dan kien jitla' Malta mil-Libja.* ***Il-bejgħ kien dejjem isir f'Malta u l-imħarrek kien itella' l-merċi miegħu fuq il-bastiment meta jbaħħar lura lejn il-Libja. Il-kumpannija attriċi hija waħda reġistrata f'Malta u s-sedi soċjali tagħha jinsab f'Malta. Il-prezz tal-merkanzija mibjugħa kien miftiehem f'valuta legali Maltija, u l-ħlas, fl-okkażjonijiet ta' qabel, dejjem sar f'Malta f'valuta Maltija;***
>
> *Illi kien biss meta ġie iffirmat il-ftehim tal-15 ta' Diċembru, 1993, ġewwa lukanda fil-Libja, li l-partijiet donnhom ftehmu li l-ħlas kellu jsir f'għamla ta' tpartit b'xiri ta' merċi oħrajn minn u ġol-Libja u bi ħlas f'valuta legali Libjana jew f'denominazzjoni ta' dollari Amerikani. Madankollu,* ***kien miftiehem ukoll li l-ħlas min-naħa tal-imħarrek kellu jsir fis-sedi tal-Ambaxxata Maltija fi Tripli u li l-irċevuta tal-ħlas titħalla minn rappreżentant tagħha f'isem il-kumpannija attriċi. Dak il-ftehim kien il-mod ta' kif l-obbligazzjoni li twieldet f'Malta tiġi mwettqa;***
>
> *Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett jekk persuna tkunx intrabtet li twettaq obbligazzjoni f'Malta jew li f'Malta jseħħ l-effett tal-obbligazzjoni, wieħed irid jifhem li l-leġislatur ried jirreferi għal dawk l-obbligazzjonijiet li, min-natura tagħhom stess jew mill-mod ta' kif u fejn għandhom jiġu eżegwiti, tabilfors jeħtieġu li jingħata effett lilhom f'Malta*[18].

[17] Citaz. Nru. 2545/1998/1

[18]*'Kumm. GS 5.11.1979 fil-kawża fl-ismijiet Dottor Michael Mallia noe vs Charles H. Rosemblatt (mhix pubblikata)'*

*Il-Qorti tifhem li l-obbligazzjoni li ntrabat biha l-imħarrek kellha titwettaq f'Malta, u l-mod tat-twettiq tagħha (jiġifieri l-modalita' tal-ħlas kif miftehma bil-kitba li saret fil-15 ta' Diċembru, 1993) kien ukoll maħsub li jsir f'Malta, jekk wieħed iqis is-sede ta' Ambaxxata bħala estensjoni tat-territorju tal-pajjiż rappreżentat minnha'.*[19]

13. Il-fatti f'dan il-kaz huma ghal kollox differenti. L-atturi ma xehdux, u c-cirkostanzi li fihom kien ffirmat ic-cekk li fuqu jibbazaw l-azzjoni taghhom ma jirrizultawx. Ma tressqux provi biex juru ghaliex kien dovut dan il-hlas, ghaliex ic-cekk hareg biss favur l-attur Benjamin Micallef, u kif kien miftiehem li kellu jitwettaq il-hlas f'Malta, tenut kont li c-cekk hareg fuq bank barrani u f'valuta legali estera. Mill-banda 'l ohra, din il-Qorti ghandha quddiemha prova mhux kontestata mill-atturi tal-fatti li (i) l-konvenuti, fil-kwalita' taghhom ta' successuri tat-traent tac-cekk, mhumiex prezenti f'Malta; (ii) il-konvenuti ma qaghdux ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati f'Malta; u (iii) il-konvenuti m'ghandhomx assi f'Malta li fuqhom jista' jkun ezegwit gudizzju favorevoli ghall-atturi f'din il-kawza. Dawn il-fatti l-ahhar imsemmija jeskludu l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, skond l-**art. 742(1)(f)** tal-Kap. 12, biex tisma' u tiddeciedi din il-kawza.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma u tiddeciedi dan il-kaz u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici.

L-ispejjez huma kollha a karigu tal-atturi inkluz ghall-hatra tal-Kuraturi Deputati.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

[19] Enfasi ta' din il-Qorti

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**